MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 35 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 28 ta' Mejju, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' Microsoft Teams fil-5.30 pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Renald Falzon |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Ħaż-Żebbuġ | Dr Malcolm Paul Galea |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Siġġiewi | Dr Kurstein Sant |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillier Imqabba | Is-Sur Henry Zaffarese |

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Viċi Sindku Ħal Luqa | Is-Sur Kearon Bruno |
| Sindku Santa Luċija | Capt. Charmaine St John |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 35.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

35.1.1 Il-President qara l-apoloġiji tas-Sindki tal-Ħamrun, ta' Santa Luċija, kif ukoll tal-Viċi Sindku ta' Ħal Luqa fejn taw ir-raġunijiet għaliex ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

35.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

35.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-erbgħa u tletin (34) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

35.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sur Terence Agius, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 35.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Laqgħa bejn l-Onor. Ministru Dr Josè Herrera u l-Eżekuttiv tal-AKL**

35.3.1 Il-President informa li fil-jiem li għaddew attenda għal laqgħa mal-Onor. Ministru Dr Josè Herrera bħala Membru tal-Eżekuttiv tal-AKL. Waħda mit-temi li ġew diskussi kienet ir-ristrutturar tar-Reġjuni, fejn jidher li se nkunu qed nimxu għal bidla fil-kompożizzjoni tar-Reġjuni bl-involviment ta' sitt Kunsilli Reġjonali minflok il-ħamsa li hemm fil-preżent. L-AKL u l-Membri talbu lill-Onor. Ministru jikkunsidra li l-bidla ssir wara l-elezzjoni tal-Kunsilli

biex ma jkunx hemm impatt negattiv fuq il-pjan ta' ħidma li jkun hemm eżistenti mill-Kunsilli Reġjonali. Il-President qal li idealment, biex dan iseħħ, irid ikun hemm qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra.

35.3.2 Waqt din l-istess laqgħa ġiet diskussa wkoll il-possibiltà li t-tender għal ġbir ta' skart riċiklabbli għal-lokalitajiet tar-Reġjun tinħareġ mir-Reġjun. Numru ta' Kunsilli Lokali qed jiffaċċjaw problemi wara li ġew infurmati li se jitwaqqfilhom dan is-servizz. L-AKL qed toffri li flimkien mal-Kunsilli Reġjonali jiġu esplorati sistemi u mekkaniżmu effettiv kif dan is-servizz jista' jiġi offrut mill-Kunsill Reġjonali. Dan ikun qed joffri wkoll il-possibiltà li l-kuntrattur ikun jista' jqassam aħjar il-ġranet, ħinijiet u l-mod kif jinġabar dan l-iskart. Hemm vantaġġi oħra li jistgħu jiġu kkunsidrati bħal anqas ammont ta' traffiku fit-toroq u emmissjoni fl-arja. Il-ħruġ ta' tender mir-Reġjun għall-ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda ma ġietx diskussa f'din il-laqgħa.

35.3.3 Il-President qal li waqt din il-laqgħa, hu ssuġġerixxa li t-tender mir-Reġjuni dwar l-istudju u r-rapport ta' evalwazzjoni fuq l-impatt soċjali fil-lokalitajiet tar-Reġjun m'għandux isir ġaladarba hemm il-ħsieb li numru sew ta' lokalitajiet se jiġu mqassma f'Reġjuni oħra fi ftit żmien ieħor. Din it-tender għandha tinħareġ meta jiġu fis-seħħ il-Kunsilli Reġjonali bil-lokalitajiet il-ġodda, biex ma jkunx hemm ħela ta' flus u riżorsi għalxejn.

35.3.4 Waqt din il-laqgħa tqajjem ukoll il-punt tal-ispazju meħud mill-imwejjed u s-siġġjiet minn ristoranti fil-lokalitajiet. Dan qed joħloq numru ta' diżgwid anke mal-Kunsilli Lokali u r-residenti, għaldaqstant hemm bżonn li jkun hemm linji gwida ċari dwar dan. Wieħed mill-argument li dejjem jinqala' hu li bankina m'għandha qatt tiġi ostakolata. Issemmiet ukoll l-inizjattiva tal-għeluq għat-traffiku ta' pjazez u spazji oħra f'ċerti ġranet għal ċertu ħinijiet biex ikunu jistgħu jitgawdew mill-pubbliku. Din se tikkontribwixxi wkoll għal arja aktar nadifa, ambjent aħjar, aktar kummerċ għan-negozji tal-lokal, kif ukoll għall-benesseri tar-residenti.

**- Stickers sofor biex ifakkru li għandha tinżamm id-distanza soċjali**

35.3.5 Il-President fakkar fl-imejl li ntbagħtet lill-Kunsilli Lokali tar-Reġjun fejn ġie nfurmat li l-Kunsilli Reġjonali u l-AKL issieħbu biex jiġu ordnati numru ta' stickers li jfakkru lill-pubbliku li għandha tinżamm id-distanza soċjali. Dawn se jiġu ffinanzjati mill-AKL u mill-Kunsilli Reġjonali u se jitqassmu bla ħlas lill-Kunsilli Lokali sabiex jitwaħħlu f'postijiet pubbliċi fil-lokalità.

**- Skemi ta' fondi mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar**

35.3.6 Il-President semma' l-korrispondenza li rċevew il-Kunsilli Lokali tar-Reġjun fejn ġie rrimarkat li hemm numru ta' Kunsilli Lokali li għadhom ma għamlux użu minn fondi tar-Reġjun li jmorru lura s-snin. Hu rrefera għal dak li semma' aktar kmieni fil-laqgħa u qal li dawk il-Kunsilli Lokali li ma jibqgħux jagħmlu parti minn Reġjun Nofsinhar wara li ssir il-bidla ma jkunux aktar intitolati għal dawk il-fondi li jkollhom pendenti.

**- Il-Futur tat-Tribunali Lokali**

35.3.7 Il-President reġa' rrefera għal-laqgħa mal-Onorevoli Ministru fejn ġie diskuss iż-żieda ta' Reġjun ieħor. M'hemmx informazzjoni s'issa li se jiżdied Tribunal Lokali ieħor. Min-naħa l-oħra ma jkunx jagħmel sens li jkollok ħames Reġjuni jamministraw Tribunal Lokali bl-isfidi kollha li jġib miegħu u Reġjun ieħor le. Għaldaqstant il-futur responsabbiltà tat-Tribunali Lokali fuq il-Kunsilli Reġjonali tinsab inċerta. Ix-xogħol fuq l-awditjar mil-LESA biex jiġi kkalkulat xi spejjeż marbuta mat-Tribunali Lokali li tħallsu mill-Kunsilli Reġjonali u għadhom ma ġewx rimborsati waslu fi tmiemhom. Il-President irrimarka li meta r-Reġjun jiġi rimborsat minn dawn l-ispejjeż, issir diskussjoni mill-Membri tal-Kunsill Reġjonali biex jiftiehmu kif għandu jsir l-aħjar użu minn dawn il-flus għall-ġid tal-komunitajiet tagħna, u b'konformità mal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali.

**- Mistoqsijiet u kummenti**

35.3.8 Is-Sur Johan Mula xtaq ikun jaf hemmx xi informazzjoni ġdida dwar is-sejħa tal-ġbir ta' skart mill-Kunsill Reġjonali fid-dawl li Ħal Safi għandu l-kuntratt tal-ġbir ta' skart tal-borża s-sewda jiskadi din is-sena.

35.3.9 Dr Marija Sara Vella rrimarkat li l-Kunsill Lokali tal-Gudja ħareġ it-tender għall-ġbir ta' skart fil-lokalità għax kienet skadiet.

35.3.10 Il-President wieġeb li Ħal Safi hija waħda mil-lokalitajiet li mhumiex se jibqgħu jagħmlu parti minn Reġjun Nofsinhar ġaladarbi ssir ir-riforma tar-Reġjuni. Min-naħa l-oħra m'hemm xejn xi jżomm lir-Reġjun biex joħroġ sejħa komuni għal dawk il-lokalitajiet interessati sakemm jiġu ffurmati r-Reġjuni l-ġodda. Hu stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiddiskuti dan il-punt mas-Segretarji Eżekuttivi tal-lokalitajiet tar-Reġjun biex jieħu l-opinjoni tagħhom.

35.3.11 Id-Deputat President, is-Sur David Michael Schembri ġibed l-attenzjoni tal-Membri li l-Kunsilli Lokali kienu rċevew avviż mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex ma jinħarġux sejħiet ġodda għall-ġbir ta' skart fid-dawl li dawn għandhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Reġjonali fiż-żmien li ġej.

35.3.12 Dr Marija Sara Vella qalet li hi ħassitha urtata għall-mod kif fiċ-ċirkostanzi preżenti, f'xi lokalitajiet saru attivitajiet bħal street parties bla permess li jmorru kontra d-direttivi maħruġa mill-Awtorità tas-Saħħa. Hi ssuġġeriet li l-Kunsill Reġjonali jintervjeni billi jiddiskuti mas-Sindki u jiftiehmu fuq kif għandhom jilqgħu dawn l-isfidi.

35.3.13 Il-President wieġeb li din ma taqax taħt ir-responsabbiltà jew fil-parametri tal-Kunsilli Reġjonali. Fejn jidħlu attivitajiet, ir-Reġjun mexa mad-direttivi u ppospona l-attivitajiet li kellu ppjanati. Dak li sar f'xi lokalitajiet sar b'mod spontanju u żgur ma kellu l-ebda approvazzjoni tal-Kunsill Reġjonali u lanqas tal-Kunsill Lokali. Huwa fatt ukoll li matul dawn il-jiem se nkunu qed naraw il-miżuri jillaxkaw gradwalment. Se jkunu qed jingħataw direttivi kif għandhom jittieħdu prekawzjonijiet u fl-istess ħin terġa' tingħata spinta lir-rota tal-ekonomija.

35.3.14 Id-Deputat President, is-Sur David Michael Schembri talab lill-Membri biex min ikollu xi informazzjoni dwar użu ta' mwejjed u siġġijiet barra minn ristoranti u postijiet kummerċjali jgħaddiha lill-oħrajn.

35.3.15 Dr Marija Sara Vella staqsiet jekk hemmx xi direttivi dwar teleworking għall-istaff tal-Kunsilli Lokali għax l-istaff tal-lokalità tagħha qed jaħdem fuq skeleton staff minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti.

35.3.16 Il-President qal li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali taqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarju Eżekuttiv u għandu jkun żgurat li s-servizz għar-residenti jibqa' għaddej bla xkiel.

35.3.17 Is-Sur Johan Mula qal li f'dan il-każ ma jistax jitqabbel Kunsill Lokali ma' ieħor għalhekk kull deċiżjoni f'dan ir-rigward trid tittieħed mill-Kunsill Lokali rispettiv skont l-esiġenzi u ċ-ċirkostanzi tal-lokalità.

35.3.18 Dr Malcolm Paul Galea rrefera għall-iskema Proġett għall-Komunita' f'kull Lokalità b'fondi ta' 18,000 ewro minn Reġjun Nofsinhar u qal li l-lokalità tiegħu qed issib diffikultà biex twettaq il-proġett li kien hemm propost mill-Kunsill Lokali fil-leġiżlatura ta' qabel. Għaldaqstant jixtieq l-approvazzjoni biex parti mil-librerija tal-lokalità tiġi konvertita f'faċilitajiet sanitarji pubbliċi.

35.3.19 Il-President talab li jintagħtu dettalji ta' dan il-proġett bil-miktub lill-Kunsill Reġjonali ħalli jiġu moqrija fil-laqgħa u jkunu jistgħu japprovawha l-Membri.

35.3.20 Is-Sur Terence Agius qal li hu għandu l-istess problema fil-lokalità tiegħu u jixtieq l-approvazzjoni biex tiġi riġenerata u msebbħa żona viċin l-iskola.

35.3.21 Il-President qallu biex jagħmel l-istess u jibgħat dettalji tal-proġett bil-miktub lill-Kunsill Reġjonali.

35.3.22 Is-Sa Rita Grima qalet li qed tiffaċċja l-istess problema u tixtieq l-approvazzjoni biex jinbidel il-proġett propost għal din l-iskema għal-lokalità tagħha.

35.3.23 Il-President talabha tagħmel l-istess u tibgħat dettalji tal-proġett bil-miktub lill-Kunsill Reġjonali.

## 35.4 Skeda ta' Pagamenti;

35.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 05/20A-1 u 05/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

35.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Rita Grima u ssekondata mis-Sur Johan Mula, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 35.5 Financial Statements 2019

35.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, ix-xogħol tal-awditjar ħa żmien aktar milli mistenni għar-raġuni li sar fil-maġġor parti tiegħu onlajn. Għalkemm l-Accountant tar-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff għamlu l-almu tagħhom u taw l-informazzjoni kollha mitluba, l-awdituri ma rnexxilhomx jiffinalizzaw ir-rapporti tagħhom sal-ġurnata ta' din il-laqgħa. Għaldaqstant, dawn se jiġu ppreżentati f'laqgħa oħra.

## 35.6 Affarijiet Oħra;

- **Quarterly Financial Report (Jan - Mar 2020)**

35.6.1 Is-Segretarju ppreżenta l-ewwel Quarterly Financial Report għal din is-sena (Jan-Mar 2020) li ġie ċċirkolat mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Ir-rapport ittella' wkoll fuq il-wall tal-laqgħa u s-Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni tiegħu.

35.6.2 Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu.

- **Sejħa Pubblika għal Servizz ta' Perit mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar**

35.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-abbozz tas-sejħa pubblika li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed jippubblika fuq l-ePPS skont il-proċeduri mitluba. Dan l-abbozz ġie

mibgħut minn qabel għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. L-abbozz tas-sejħa ġie mtella' dak il-ħin fuq il-wall tal-laqgħa biex il-Membri jkunu jistgħu jerġgħu jarawh. Is-Segretarju Eżekuttiv ta dettalji ta' din is-sejħa pubblika u qal li jekk tiġi approvata għandha tiġi ppubblikata fil-jiem li ġejjin.

35.6.4 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-ħruġ għal din is-sejħa pubblika.

- **Servizz tal-Internet Banking**

35.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fid-dawl taċ-ċirkostanzi li ċertu banek qed ikunu magħluqin minħabba miżuri li ħadu biex ibiegħdu l-imxija tal-Covid-19, l-AKL ikkoordinat mal-banek biex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu japplikaw għas-servizz tal-internet banking inkluż it-trasferimenti bejn il-kontijiet tal-istess Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li minħabba li l-Kunsill Reġjonali għandu kontijiet differenti li jappartjenu għall-amministrazzjoni, skemi ta' fondi għall-Kunsilli Lokali, kif ukoll għat-Tribunal Lokali, ikun ferm utli kieku s-sistema tal-internet banking ma tibqax biss view only. Dan ikun qed jiffaċilita tqassim aħjar tal-kontijiet skont il-ħtieġa mingħajr ma joqgħod jinħela ħin twil fil-banek għat-trasferimenti. Kopja tal-applikazzjoni nbagħtet minn qabel għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija. Din ittellgħet ukoll fuq il-wall tal-meeting biex jerġgħu jarawha l-Membri.

35.6.6 Il-Membri preżenti unanimament approvaw li titmexxa l-applikazzjoni mal-bank.

- **Street Lighting**

35.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza li rċieva mingħand wieħed mis-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun fejn talab lill-Membri jikkunsidraw il-ħruġ ta' sejħa pubblika komuni għall-Kunsilli Lokali kollha tar-Reġjun dwar l-istreet lighting.

35.6.8 Il-President qal li din kienet diġa tqajmet f'laqgħat preċedenti u kellha tissejjaħ laqgħa bejn is-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali tar-Reġjun biex tittieħed l-opinjoni tagħhom. Minħabba l-miżuri li ttieħdu biex titbiegħed l-imxija tal-Covid, din il-laqgħa kellha tiġi posposta. Issa li l-miżuri qed jiġu merħija nistgħu nipproċedu b'din il-laqgħa. Għalhekk hu

talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex tissejjaħ din il-laqgħa.

## 35.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

35.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.11 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 11 ta' Ġunju 2020 fil-5.30 pm. Minn din id-data l-laqgħat se jerġgħu jibdew isiru fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali f'Ħal Qormi.

Konfermati llum _____________________.

Jesmond Aquilina

President

Philip Carabott

Segretarju Eżekuttiv